# Fjamingi jispiċċaw fil-mira tal-kaċċaturi wara li taru mir-Riserva Naturali tal-Għadira

## BirdLife Malta tappella lill-kaċċaturi biex juru rispett u josservaw il-liġi

Tul l-aħħar 12-il xahar, il-Fjamingi fir-Riserva Naturali tal-Għadira mmexxija minn BirdLife Malta kienu fost l-aktar għasafar popolari li setgħu jgawdu eluf ta' tfal tal-iskola, familji u turisti li żaru r-riserva. Sa nhar il-Ħadd stess, meta kellna l-*open day* annwali biex niċċelebraw il-ftuħ mill-ġdid tar-riservi wara l-waqfa tas-sajf minn tmiem din il-ġimgħa, il-pubbliku attenda bi ħġaru fl-Għadira biex jara l-għaxar Fjamingi li hemm bħalissa f'din ir-riserva naturali.

Il-fatt li dawn huma għasafar uniċi, u l-eleganza tagħhom, ħallew lil ħafna nies imsaħħrin bis-sbuħija tagħhom, speċjalment meta l-pubbliku beda josserva l-mod kif dawn ifittxu l-ikel, jifhem aħjar kif ibiddlu l-kulur biex isiru roża u jitgħallem aktar dwar il-passa tagħhom. Dawn il-fatturi kollha għenu biex tkun apprezzata s-sbuħija tan-natura.

Madanakollu, ilbieraħ, wieħed minn dawn il-Fjamingi spiċċa fil-mira tal-kaċċaturi waqt li ieħor sparixxa wara li qatgħa ta' tlieta minnhom taret 'il barra mir-riserva. Ftit minuti wara rritornaw biss tnejn, li wieħed minnhom kien jidher ċar li għandu ferita f'għonqu kkaġunata minn tiri ta' senter. F'sena li se tibqa' mfakkra bħala l-agħar waħda f'dawn l-aħħar sitt snin għal dak li għandu x'jaqsam mal-kaċċa illegali ta' tajr protett, dan l-inċident huwa prova tar-realtà kerha li l-kaċċa illegali f'Malta u Għawdex hija rampanti.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana sostna li huwa ta' qsim il-qalb li tkun taf li nies li qed jingħataw il-privileġġ li joħorġu fil-kampanja bis-snieter ikkargati sabiex jieħdu pjaċir huma qed juru nuqqas ta' rispett lejn is-soċjetà. Aħna konxji li ħafna kaċċaturi jikkundannaw inċident bħal dan u anke l-kaċċa illegali mifruxa li għaddejja bħalissa, imma wasal iż-żmien li l-*lobby* tal-kaċċaturi jitnaddaf minn dawn in-nies darba għal dejjem. BirdLife Malta se tkompli taħdem mal-imsieħba kollha fosthom il-Pulizija, il-Gvern u l-kaċċaturi nfushom biex jintlaħaq dan il-għan, waqt li tappella lill-Gvern biex iwaqqaf Wildlife Crime Unit li tkun tista' bis-serjetà tiffoka b'mod esklussiv fuq ir-reati kriminali marbutin man-natura.



**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin:** (ir-ritratti kollha huma ta' BirdLife Malta)

1. Wieħed miż-żewġ Fjamingi li rritornaw fir-riserva, bid-demm ma' għonqu
2. Il-ferita f'għonq il-Fjamingu kkawżata minn tiri ta' senter
3. Familji jammiraw il-Fjamingi waqt l-*open day* tal-Ħadd li għadda fl-Għadira

**Hemżiet oħra:**

- Tabella li tqabbel s-sitwazzjoni tal-2018 sa issa (sal-aħħar ta' Ottubru) mal-ħames snin ta' qabel, u li tikkonferma li din is-sena hi l-agħar waħda fl-aħħar sitt snin f'dak li għandu x'jaqsam mal-kaċċa illegali

